**Jum imsaħħab**

Jum imsaħħab bi sħab oħxon
Tagħmilli uġiegħ ta' ras,
Naħseb biss rasi ddur bija
L-uġiegħ l'għandi bħal tad-dgħras.

Qer nipprova nikkonċentra
Minn moħħi ma jgħaddi xejn,
Nħossni statwa iċċassata
Għax kulma nagħmel għalxejn.

Għadu kmieni biex nintefa'
F'nagħsa ħelwa issemmix,
Nipprova naljena ruħi
F'tiegħi wisq le ma nsibnix.

Mela x'ħa naqbad dlonk nagħmel?
Nintefa' ċass b'wiċċi 'l fuq?
Jekk inkella nokrob karba
Forsi jismagħni t'hemm fuq?

Naf x'nagħmel biex abbli nkompli
Insuq bil-mod u l-kalma,
Biex bil-ħin l-ajru jaf jiftaħ
U d-dawl jegħleb id-dalma.

U hekk jinfetaħ quddiemi
Xaqq mill-isbaħ ta' dawl kbir,
Li jagħtini xebgħa saħħa
U jiftagħni fit-tifħir.

Ta' dak Alla kollu mħabba
Li magħna lkoll għamel sħab,
Meta bagħtilna lil Ibnu
Fina l-għaxqa tiegħu sab.

Bih għallimna nħobbu bħalu
Ħallieh jiġi msallab,
Bih nirbħu dad-dwejjaq kollha
L'għandu fih jum imsaħħab.

Patri Mario Attard OFM Cap
8 ta' Novembru 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.